**19 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Louis Farrugia

**Xhud Indispensabbli**

*Meta xhud indispensabbli għall-każ tal-prosekuzzjoni jew tal-kwerelant ma jidhirx quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti għandha tiddifferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud kif ipprovdut fl-artikolu 441(4) tal-Kodiċi Kriminali u mhux taqbad u tgħaddi għas-sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva fil-konfront ta' Louis Farrugia talli fil-11 ta' Jannar, 1994 għall-ħabta tal-12.15 p.m. fi Triq San Anard, Ħal Tarxien, saq vettura numru H-2901 (1) b'manjiera traskurata u (2) perikoluża, u aktar talli (3)

b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma' vettura numru Z-4174 u kkaġuna offiża ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Fabio Briffa, skond Dr. R. Portelli M.D. tal-Paola Health Centre, liema offiżi huma ta' natura involontarja; il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti Inferjuri sabiex l-imsemmi Louis Farrugia jiġi skwalifikat mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Diċembru, 1994 li biha dik il-Qorti illiberat lill-imsemmi Louis Farrugia mill-imputazzjonijiet kollha peress illi, kif jingħad f'dik l-istess sentenza: "dawn l-imputazzjonijiet ma jirriżultawx għaliex m'hemmx provi suffiċjenti";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fid-29 ta' Diċembru, 1994 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u li wara li din il-Qorti tisma' l-provi mill-ġdid, issib lill-imptat appellat ħati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-10 ta' marzu, 1995; ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Ġenerali qed jappella a bażi ta' l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe` l-aggravju tiegħu hu magħmul jikkonsisti filli quddiem l-ewwel Qorti il-Pulizija ġiet impeduta milli ġġib xi prova li kienet indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża kontra l-appellat (allura imputat) u li skond il-liġi setgħet tinġieb;

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li wara li l-kawża kienet ġiet differita diversi drabi - inkluża darba fuq talba tad-difiża - fl-udjenza

tal-15 ta' Diċembru, 1994 bdew jinstemgħu il-provi quddiem l-ewwel Qorti. Wara li xehdu P.S. 1382 J. Agius u t-tabib Cosmidor, jidher li l-prosekuzzjoni sejħet biex jixhed lil Fabio Briffa li kien involut fl-inċident imsemmi fl-imputazzjonijiet, iżda dan, għalkemm debitament innotifikat kif jirriżulta mir-riferta a fol. 8 baqa' ma deherx. Il-prosekuzzjoni talbet differiment u li dana Briffa jinġieb b'mandat, iżda, fuq opposizzjoni tad-difiża, dik il-Qorti ċaħdet it-talba u għaddiet għas-sentenza li l-parti dispositiva tagħha hi riportata hawn aktar 'il fuq;

Minn dan jirriżulta li l-Pulizija Esekuttiva marret ippreparata biex tipprosegwixxi l-kawża. Kienet ħarrket lil Fabio Briffa li evidentement, kif jirriżulta mill-istess imputazzjonijiet, kien xhud indispensabbli għall-każ tal-prosekuzzjoni;

Filwaqt li din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti Inferjuri tista' xi minn daqqiet tinsab fiha, ċjoe' li ma tkunx tista' tipproċedi biex tisma' kawża għax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, dan ma jiġġustifikax lil dik il-Qorti li tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tgħaddi għas-sentenza. Fid-dawl tad-diversi sentenzi ta' din il-Qorti, li ser jiġu aktar 'il quddiem elenkati, dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li tiddiferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud kif ipprovdut fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 441 tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qrati Inferjuri bil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 525 ta' l-imsemmi Kodiċi. Dan, naturalment, jgħodd ukoll għal meta - bħal fil-każ odjern - ikun hemm opposizzjoni da parti tad-difiża għal tali differiment jew, altrimenti, meta d-difiża tinsisti li s-sentenza tingħata f'dik is-seduta u salv dejjem li x-xhud in kwistjoni jkun wieħed indispensabbli għall-każ tal-prosekuzjoni jew tal-kwerelant.

Hawnhekk din il-Qorti tixtieq tirrileva u dan interament ***obiter***, li meta kawża tiġi ddifferita diversi drabi u kull darba x-xhieda li jkunu ġew imħarrka ma jittellgħux jixhdu, tikber il-possibilita` li għal seduta sussegwenti xi wieħed jew aktar minn dawk ix-xhieda jiddeċidi li jinjora t-taħrika u ma jidhirx. Dan qed jingħad għax din il-Qorti tifhem li kull min hu nvolut fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja għandu jkun sensittiv għall-inkonvenjent ikkaġunat lill-persuna li tiġi mħarrka biex tidher il-Qorti darba, darbtejn jew tliet darbiet u kull darba din ma tissejjaħx biex tixhed. Dan l-inkonvenjent għandu, sa fejn hu possibbli u kompatibbilment mar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, jiġi minimizzat jew adirittura eliminat;

Is-sentenzi li għalihom sar aċċenn aktar 'il fuq huma s-segwenti: **Il-Pulizija *vs* Mario Saliba**, 15/10/82; **Il-Pulizija *vs* Mario Magri**, 28/5/93; **Il-Pulizija *vs* Francis Callus**, 30/9/93; **Il-Pulizija *vs* Anthony Zarb**, 22/10/93; **Il-Pulizija *vs* Joseph Abdilla u Helen Abdilla**, 3/12/93; **Il-Pulizija *vs*** Francis Borg, 10/12/93; **Il-Pulizija *vs* Saviour Farrugia**, 25/7/94 u **Il-Pulizija *vs* P.C. 738 Albert Polidano**, 2/09/94; ilkoll deċiżjonijiet ta' din il-Qorti;

Din il-Qorti sejra għalhekk takkolji l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, pero` ma taqbilx li għandha tkompli tisma' l-provi hi stess f'dana l-istadju u dana biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficċju tad-doppju eżami u għalhekk filwaqt li sejra tirrevoka s-sentenza appellata ser tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeċidi l-kawża skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

bħala Qorti ta' Ġurikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawża mill-ġdid u tiddeċidi skond il-liġi.